MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1271/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Vincenzo Cardinale**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tas-Sibt 20 ta' Dicembru 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Vincenzo Cardinale ta' 33 sena iben Emanuele u Maria Stella nee' Battaglia imwieled gewwa Palermo, Sqallija nhar id-19 ta' Gunju 1981, residenti gewwa Via Lazio number 41 Capaci Palermo, u detentur ta' passaport Taljan b'numru YA2796993 talli nhar id-19 ta' Dicembru 2014 ghall-habta tas-06:00pm u fil-granet ta' qabel, gewwa Birkirkara u f'dawn il-Gzejjer:

1. Xjentement ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella, jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh, merkanzijab'din il-marka, sinjal, jew emblema;

2. U aktar talli, fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebhin b'qerq;

3. U aktar talli, fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi, bhala persuna li ggestixxa attivita' kummercjali minn xi triq, liema attivita' ma kinitx ezercitata minn suq fil-berah, iggestixxa din l-attivita' minghajr licenzja mill-Awtorita' Regolatorja.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistrat ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-ammissjoni bikrija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 298(1)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sena u kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' mija u hamsin euro (€150).

Il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti foloz ezebiti.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza.

Tordna notifika ta′ din is-sentenza u ta′ l-atti lill-Avukat Generali fiz-zmien skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------